VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,428, 26 ta' Ġunju, 2020
Taqsima B

A.L. 266 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 161 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2020 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok is-sottoparagrafu (iv) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(iv) għad-**Dance**: grad tal-ewwel ċiklu b'mill-inqas 70 krettu ECTS fid-Dance Studies jew f'qasam ta' studju relatat, flimkien ma' żewġ ittri ta' rakkomandazzjoni minn professjonisti fil-qasam taż-żfin. L-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu fi kwalunkwe qasam ta' studju, flimkien ma' minimu ta' 5 snin esperjenza fil-prestazzjoni, fit-tagħlim, jew fil-*community dance*, iċċertifikati permezz ta' *portfolio* u mill-inqas żewġ ittri ta' rakkomandazzjoni minn professjonisti fil-qasam taż-żfin jistgħu jitqiesu wkoll, sakemm li dawn l-applikanti jistgħu jintalbu joqogħdu għal intervista u jipprovdu aktar informazzjoni dwar l-isfond artistiku tagħhom u l-interess fil-professjoni tat-tagħlim;"

4. Minflok is-sottoparagrafu (v) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(v) għad-**Design and Technology (inkluż il-Vocational Education & Training Engineering Technology**): grad tal-ewwel ċiklu fit-Technical Design and Technology JEW grad tal-ewwel ċiklu fl-Inġinerija. L-applikanti li għandhom grad fl-Inġinerija jistgħu jintalbu joqogħdu għal intervista u jipprovdu aktar informazzjoni dwar l-għarfien tekniku tagħhom, l-isfond teknoloġiku u l-interess fil-professjoni tat-tagħlim. F'każijiet fejn l-applikant jonqsu għarfien essenzjali f'oqsma partikolari mhux koperti fl-ewwel grad tiegħu/tagħha, il-Bord, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji, jista' jitlob lill-applikant isegwi u jtemm programm preparatorju jew taqsimiet studju supplimentari kif indikat f'ordinament 7;"

5. Is-sottoparagrafi (vi) u (xvii) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu mħassra.

6. Is-sottoparagrafi (vii) sa (xvi) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mil-ġdid bħala s-sottoparagrafi (vi) sa (xv).

7. Is-sottoparagrafi (xviii) sa (xxii) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mil-ġdid bħala s-sottoparagrafi (xvi) sa (xx).

8. Is-sottoparagrafu (ii) li ġej għandu jidħol wara s-sottoparagrafu (i) tal-paragrafu (ċ) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(ii) għad-**Drama**: grad tal-ewwel ċiklu b'mill-inqas 70 krettu ECTS fit-Theatre Studies;"

9. Is-sottoparagrafu (ii) tal-paragrafu (ċ) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mil-ġdid bħala s-sottoparagrafu (iii).

10. Is-sottoparagrafu (iv) ġdid li ġej għandu jidħol wara s-sottoparagrafu (iii) tal-paragrafu (ċ) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali:

"(iv) għall-**Mużika**: grad tal-ewwel ċiklu b'mill-inqas 70 krettu ECTS fil-Mużika;"

11. Is-sottoparagrafi (iii) u (iv) tal-paragrafu (ċ) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala s-sottoparagrafi (v) u (vi).

12. Minflok is-sottoparagrafu (vi) tal-paragrafu (ċ) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(vi) għall-**Edukazzjoni Fiżika**: grad tal-ewwel ċiklu b'mill-inqas b'70 krettu ECTS fl-isport u/jew fl-edukazzjoni fiżika, li għandu jinkludi minimu ta' 10 kretti ECTS f'taqsimiet studju mgħallma b'kontenut prattiku kurrikulari fl-Edukazzjoni Fiżika li jinkludi dawn l-oqsma li ġejjin: sport individwali, sport f'tim u ħiliet bażiċi ta' moviment."